MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI) KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.
HAYMAN MIRIAM LL.D.**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2001

Numru 1/2001

**Il-Pulizija
(Sp. Joseph Cordina )**

**vs**

**Ivan (John) Felice ta' 27 sena, iben Carmelo u Helen nee Zammit , imwieled, tal-Pieta', fis-6 ta' Frar, 1973 u residenti 398, Triq il-Kanun, Santa Venera, detentur ta' karta ta' l-identita' bin-numru 103573(M).**

**Illum 28 ta' Marzu, 2001.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Ivan (John) Felice li gie akkuzat talli fis-6 ta' Mejju, 2000 ghall-habta tat-8.00 ta' filghaxija, gewwa Santa Venera,

volontarjament, ghamel hsara ta' aktar minn Lm50 izda anqas minn Lm500 fuq ambulanza bin-numru ta' registrazzjoni GVN-233, ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta, bi ksur ta' l-artiklu 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied bi ksur ta' l-artiklu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, qal fil-pubbliku kliem oxxen jew indicenti li jikkonisisti f'dagha, bi ksur ta' l-artiklu 338(bb) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, bhala ufficjal pubbliku sar hati ta' reat iehor li hu kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi, u dan ghat-termini ta' l-artiklu 141 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji (a fol 13).

Rat li l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri u li wiegeb li mhux hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu (a fol 5).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkonsidrat,

Semghet ix-xhieda ta' Jason Camilleri, nurisng aid li xehed, qal li marru fil-post biex jaghtu assistenza lill-omm l-imputat u hemm ra lill-imputat jillitika ma' huh. Hu l-akkuzat nizel bla flokk ma' ommu fl-ambulanza. Zied li 'l-akkuzat nizel x'hin konna qed nghalqu l-bieba u ta daqqa ta' ponn fil-hgiega tal-bieba." (a fol 27). Xehed ukoll li sakemm l-akkuzat nizel sa fejn l-ambulanza bdew jisimghu xebgha dagha u battibekki bejnu u bejn huh.

Zied ukoll li x'hin kiser il-hgieg l-akkuzat ried ihallas dak il-hin b'cheque pero' dan ma giex accettat ghax din kienet vettura tal-gvern.

In kontro ezami xehed li l-hgiega ta' l-ambulanza kienet nofsha trasparenti u nofsha opaque u li ta d-daqqa ta' ponn li ta l-akkuzat kienet diretta lejn huh pero' l-bieba ta' l-ambulanza kienet gia maghluqa.

Raymond Scicluna x-xufier tal-ambulanza kkonferma li iben il-pazjenta li kienu marru jaghtuha l-assistenza kien niezel biex jakkompanja lil ommu fl-istess vettura bla flokk xehed hekk: "Sakemm il-missier ta l-flokk nizel ragel iehor jitkellem hazin u baqa' gej gas down ghal fuq il-bieba tal-genb ta' l-ambulanza u rajt idejh diehla gol-hgiega ta' l-istess ambulanza. Qal li l-imputat kien talabhom biex ma jiehdux passi, pero' dan ma setghax isir ghax il-vettura kienet tal-gvern. Indika l-akkuzat bhala din il-persuna u bhala l-istess bniedem li kien dahhal idejh gol-hgiega. Bil-kelma 'gas down' dan ix-xhud ried ifisser li ra bniedem niezel isfel irrabjat (a fol 29). In kontroezami xehed li hu kull ma sema mit-tarag 'l hemm hu "… bhala bniedem irrabjat jitkellem hazin." (a fol 30).

Joanne Vella n-nurse xehdet li huma kienu accedew gewwa Canon Road u hemm kienu sabu mara li kienet qed tbati minn qtugh ta' nifs. Meta giet mistoqsija x'kien gralha din kienet wiegbet li kien hemm tilwima u laqtuha bi zball gol-kustilji. Ikkonfermat li wiehed minn uliedha ried jakkumpanjaha fl-ambulanza imbaghad u li waqt li kienet fl-ambulanza semghet dagha gej minn god-dar. Ziedet "f'daqqa u l-hin rajt id diehla got-tieqa tal-ambulanza." (fol 32). Ikkonfermat li kien l-akkuzat li kien ta dik id-daqqa. Kienet hi stess li fil-fatt dewwiet l-akkuzat li ddeskriviet bhala li kien eccitat.

PS1266 Noel Felice kkonferma li l-akkuzat huwa membru tal-Korp tal-Pulizija.

L-Ispettur Joseph Cordina esebixxa d-Dok JC redatt mill-kumpanija VCI Company Ltd. li juri l-ammont tal-hgieg

miksura, l-prezz tal-plastik trasparenti u l-labour cost, versu l-ammont globali ta' Lm328.68 (ara fol 16, 17 u 18).

In difisa xehed hu l-akkuzat Chantlo Felice li kkonferma li ommu kellha incident u li kien hu li akkompanjaha fl-ambulanza. Qal li hu dahal fl-ambulanza bla flokk, qal li l-flokk gabulu huh, anzi ra lil huh gej bil-flokk u li hu, cioe x-xhud ghalaq il-bieba u b'hekk tkissret il-hgiega.

Saljenti dak li qal dan ix-xhud dwar dak li kien qed jigri bejnu u bejn huh qabel ma tkissret il-hgiega: "Kif kien se jaghtini l-flokk ghalaqt il-bieba ghax hsibtu li kien se jaghmel xihaga jew hekk." Xi hsibtu kien se jaghmel? (Mistoqsija tad-difiza).

Hsibtu li kien se jerga jaqbad l-argument imma l-flokk ried itini hu fil-fatt bil-kemm missha l-hgiega. Jigifieri inti hsibt li kien ser itik xi daqqa ta' ponn allura? (Difiza)

Iva.

U gbidt il-bieba allura? (Difiza)

Iva u gbidt il-bieba bis-sahha jiena. (a fol 50).

L-imputat irrilaxxa stqarrija (a fol 15) li pero' hu ma ffirmax. Fiha huwa nnega li hu u huh kienu qeghdin jiggieldu u li nizel ghal huh fl-ambulanza u li hekk kif ix-xufier ghalaq il-bieba ta daqqa ta' ponn fil-hgiega u kissirha. Qal li hu fil-fatt ghalaqha (b'referenza ghall-bieba, logikament) bis-sahha u konsegwenza ta' hekk tkissret il-bieba. Stqarr ukoll li kien lest li jaghmel tajjeb ta' l-ispejjez.

Ikkonsidrat

Illi mix-xheida prodotta l-Qorti hi tal-fehma li la l-akkuzat u lanqas huh ma taw verzjoni verosimili fl-istqarrija u xhieda taghhom rispettivament. Temmen dak li qalu x-xhieda tal-prosekuzzjoni li fil-fatt bejn l-akkuzat u huh kien hemm

glieda fid-dar, b'mod dejjem inekwivoku weggghet l-omm (ara l-verzjoni moghtija min-nurse mill-omm Irene Felice) u li l-imputat ghax kien irrabjat ma' huh, waqt li dan gia kien fil-vettura l-ambulanza ma' ommu kisser il-hgiega ta' l-ambulanza.
Il-Qorti tista' tifhem li hekk kif ra l-ommu bla nifs l-akkuzat setgha kien aktar eccitat anke tenut kont tal-fatt li hu kien gia ghaddej fi glieda ma' huh. Pero' bniedem fil-kariga tieghu cioe ufficjal tal-Pulizija ghandu responsabilita' ikbar f'ghemilu u certi azzjonijiet jinkombu fuqu li jipprevjeni u mhux certament li jkun l-agent dirett u primarju taghhom.

Ghaldaqstant il-Qorti qed issibu hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u dan wara li rat l-artiklu 325(b), l-artiklu 338(dd) u 338(bb) u l-artiklu 141 ilkoll tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dwar il-piena rat l-art. 17 u 31 tal-Kap 9, rat ukoll il-Fedina Penali tal-akkuzat li hija netta, rat l-art 28A tal-Kap 9 u tikkundannah ghal sebgha xhur habs sospizi ghal sena.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.